MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2010

Numru 161/2010

**Il-Pulizija**
**Sp Geoffrey Azzopardi**
**vs**
**Milan Vasiljevic**

**Il-Qorti**

**Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Milan Vasiljevic ta' 41 serna iben Tomislav Vasiljefic u Gordana nee' Zecevic, mwieled Uzice Serbvia fis-7 ta' Nvoembru 1968 u residenti 51 Flat 2 Triq Nazzarenu Sliema, detentur ta' passaport numru 007778794.**

**Akkuzat talli fix-xhur qabel it-30 ta' Novembru 2009 f'dawn il-Gzejjer**

**1. ffalsifika, biddel jew ghamel xi tibdil f'passaport jew uza jew kellu ghandu passaport li hua kien jaf li gie ffalsifikat, imbiddel jew li sar tibdil fih;**

**2. bhala l-persuna li nizel l-art f'Malta ta gew gieghel li jinghata xi prospett falz, dikjarazzjoni falza jew taghrif ta' fatti foloz lil Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni**
**3. minghajr l-awtorita legittima uza jew kellu fil-pussess tieghu xi document, u cioe passaport ta' Slovenia mehtieg ghall-finijiet ta' l-Att dwar l-Immigrazzjoni li kien ffalsifikat.**

**Rat l-ammissjoni ta' l-imputat ghal dawn it-tliet imputazzjonjiet u ghal daqstant dawn gew ppruvati skond il-ligi. L-ammissjoni kienet kkonfermata wara li l-imputat nghata hin xieraq biex jahsibha.**

**Il-Qorti wara li rat l-Artikolu 5 tal-Kap 61, l-Artikolu 28 u 32 (IF) tal-Kap 217 u l-Artikolu 28A tal-Kap 9 ssib lill-imputat hati tat-tliet imputazzjonijiet dedotti kontrieh u qed tikkundannah ghal sena prigunerija li ghandha pero tibqa' sospiza ghal sentejn jekk kemm-il darba l-imputat ma jwettaq ebda reat iehor matul dawn is-sentejn.**

**Il-Qorti spjegat l-Artikolu 28A tal-Kap 9 lill-imputat fi kliem semplici.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------